KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

T: +356 2133 7633
E: sliema.support@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt


# LAQGĦA TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 29

Id-disa' u għoxrin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2026 fis-6pm ġewwa The AX Palace Hotel, Triq il-Kbira, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsilliera |
| | Jacqueline Higgins | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

**Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:18pm:**

**29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 28;**

**29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**29.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**29.7 Mozzjonijiet;**

**29.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

## 29.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**29.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri W Baldacchino, D Muscat

## 29.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 28

**29.2.1** Kien hemm xi korrezzjonijiet hekk kif ġej:

(28.4.3) Il-Kunsillier R Borg saqsa lis-Sindku biex jispjega x'inhi l-
proċedura biex il-KL joġezzjona għal xi permessi ta' bini.
Hu qal li kemm il-darba talab lis-Sindku sabiex ikun jista' jaħtar
bord ta' esperti teknocratici idealment Residenti Slimizi sabiex jiġu evalwati dawn il-permessi.

- Is-Sindku wieġeb billi qal li l-permessi ser jiġu evalwati

*on a case by case basis* mingħand bord magħmul minnu, mis-SE, l-kunsillier responsabbli mill-PA u l-avukut tal-KL espert fil-PA.

Jinbidel għal hekk kif ġej:

*Il-Kunsillier R Borg talab lis-Sinku biex jerġa jikkonsidra it-talba tiegħu peress li kull kunsillier għandu sotto-kumitat maħtur minnu u l-Kunsillier R Borg m'għandux l-istess trattament.*

*Il-Kunsillier R Borg jemmen li it-talba tiegħu timxi mal-liġijiet tal-kunsilli speċjalment la darba is-sindku kien f'daħ b'dan is-sotto-kumitat.*

**(28.5.2)** Il-kunsillier R Borg spjega li flimkien mal-Minority Leader W Baldacchino ser isir applikazzjoni konġunta ma numru ta' pajjiżi Ewropej li qed jieħdu sehem fil-program tal-ESWAM. Qal li hemm ammont ta' 500 Ewro li irid jħallas il-KL u staqsa lil kunsillieri preżenti jekk hemm qbil dwar dan.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti**

Jinbidel hekk kif ġej:

*L-ammont kien aktar minn hekk. 1,500 Euro*

29.2.2 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 28 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-kunsillier D Soler ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier E Borg.

*Daħħlu l-kunsilliera J Higgans, V Galea Pace, E Borg u l-Viċi Sindku fis-6.31pm*

## 29.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

### 29.3.1 Laqgħa mall-Awtorità tal-artijiet:

- Devoluzzjoni tal-art ġewwa x-Xatt għal latrina pubblika
- Encroachments
- Aċċess għal ponta ta' Tigne
- Jinbeda proċess sabiex il-beach antika tal-NSTS tirritorna għal pubbliku

29.3.2 **Laqgħat Infrastructure Malta:**

- Ħsara li saret minn Storm Harry, applikazzjoni mal-ERA
- Xogħolijiet ħdejn il-fortizza

29.3.3 **Xogħolijiet ta' Toroq u bankini fil-lokalita':**

Is-Sindku spjega li wara laqgħa mal-Insfrastructure Malta ġie finalizzat il-program ta' xogħolijiet tat-toroq u bankini fosthom Tirq Ġafar, Triq Depiro u Triq San Pawl.

29.3.4 **Laqgħa mal-Enemalta flimkien mas-Sindku tal-Gżira:**

- Cable ġdid tad-dawl
- Jinbiddlu l-culverts tax-xatt naħħa tal-baħar
- Ser isir xogħol ta' tqegħid ta' cable fi toroq Dragut u MacGiver, (Triq Tigne)

29.3.5 **Infurzar tat-Ticket Booths:**

Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-pulizja u l-LESA sabiex tiġi kkordinata l-operazzjoni sabiex jitneħħew it-ticket booths u il-kull tip ta' *hawkers*. Is-Sindku tkellem dwar il-liġi li tagħti saħħa lill-kunsilli biex ineħħu ticket booths li hemm ix-Xatt. Is-Sindku irrefera għal leġislazzjoni 441.12 u ppreżenta waqt - laqgha tal-Kunsill. L-idea hi li titpoġġa *sticker* bħala *notice* ma' kull *ticketing booth* li jekk ma titneħħiex din se titneħħa mil-Kunsill stress fi żmien ġimgħa.
**Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jsir dan il-proċess u nimxu mal-liġi.**

29.3.6 **Ġnien Indipendenza:**

Is-Sindku saħaq li dan il-ġnien mhuwiex devolut lill-KL għaldaqstant jgħajjat lill-PWD. Hemm periklu kbir li jista' iċedi l-ħajt ta' madwar il-ġnien li jagħti għal fuq il-bajja tal-Exiles.

Is-Sindku tkellem ukoll dwar ic-catra li tpoggiet fil-bahar f'zoni ohra u talab l-appogg tal-Kunsilliera biex il-Kunsill jinsisti li ma titpoggix fil-bahar fl-inhawi ta tas-Sliema. Kien hemm qbil dwar dan.

## 29.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**29.4.1** Is-SE ressaq tlett skemi mahruga mir-Regjun:

1. **Attivitajiet Kulturali Annwali SPI/SCI/01/2026** il-Kunsill qabel li napplikaw għall-fondi sa' massimu ta' Eur 20,000 li huwa 85% għall-attivita SAF 2026 li se ssir bejn is-17 sa 19 ta' Lulju 2026. **Il-kunsill qabel ukoll li se jkun qiegħed iħallas il-bilanċ ta' l-istess attivita'**.
   Applikazzjoni trid tintbgħat sal-14 t'April 2026.

2. **Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa SPI/SCI/02/2026**
   **Il-Kunsill qabel li napplikaw għal *clean up* għall-fondi sa massimu ta' Eur 1,500 li din tista ssir fix-xahar ta' Settembru 2026**. Irridu napplikaw għalija sat 8 ta' Mejju 2026

3. **Finanzjament – Milied 2026 SPI/SCI/03/2026**
   Il-Kunsill qabel li japplika ghal fondi sa' massimu ta Eur 15,000. Dan huwa 85 % tal-ispiża totali. **Il-Kunsill qabel li se jkun qiegħed iħallas il-bilanċ tal-ispiża**. Applikazzjoni trid tintbghat sad-29 ta' Mejju 2026.

**29.4.2** Il-kunsilliera V Galea Pace qalet li kellha ilment minn residenti li xi kenniesa kienu qed jiġbru xi fliexken tal-*plastic* u ma jalqux il-borża taż-żibel.

**29.4.3** Il-Kunsillier D. Soler saqsa meta se jitwaħħlu t-tabelli għal ilbies xieraq. Dawn se jitwaħħlu fil-bidu ta' Mejju.

*Il-kunsillier Z Zammit ġie skuzat li jitlaq fit-8.02pm*

## 29.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

29.5.1 Il-Kunsillier R. Borg infurma lis-Sindku li jekk mhux se jiddeċiedi dwar it-talba tiegħu li ilhu jressaq li jkollu membri kompetenti fis-sotto kumitat tiegħu se jkollu jibgħat email formali u li ser jippublika din l-ittra u jibgħata lil mezzi tax-Xandir.

## 29.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

29.6.1 Is-Sindku ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsill ġie infurmat li l-pagament numru 14 dwar *train fare* għal *outing* ta' Marzu irid jigi kanċellat u se jkun qiegħed jidher b'mod korrett fis-seduta li jmiss.

29.6.2 Il-Vici Sindku propona l-approvazjoni tal-pagamenti (mingħajr numru 14). Il-Kunsillier K. Wain issekonda.

**Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti**

## 29.7 MOZZJONIJIET

29.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport ippreżentati waqt il-laqgħa

## 29.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

29.8.1 Is-seduta ntemmet fit-8:35pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 28 ta' April 2026 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **28 t'April 2026**

**John Pillow**
**Sindku**

**Pierre P Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**